MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 616/2002

**Avviz numru 616/02DM**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**Anthony Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Awtorita' attrici wara li ppremettiet :

Illi fit-18 ta' Mejju, 1994, l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar gia Awtorita' ta' l-Ippjanar harget avviz ta' waqfien u twettiq numru ECF/277/94/ENMU/NENF kopja annessa ma' l-Avviz u mmarkata dokument 'IJS1' ; u

Illi l-istess Awtorita’ attrici in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta’ l-att numru 1 ta’ l-1992 kif sussegwentement emendat permezz ta’ l-Att numru XXI ta’ l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz ta’ Waqfien u Twettqu, stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhhu ma’ dak li ntalab minnu fl-istess Avviz ; u

Illi biex taghmel dan l-istess Awtorita’ attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghal tlett elef u mija u tmienja u disghin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm3,198.18) u dan kif jidher mill-*Incvoice no.* 1811 datata 31 ta’ Jannar, 2001 mmarkata bhala dokument ‘IJS2’ ; u

Illi l-istess konvenut gie nterpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa’ inadempjenti,

Talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma msemmija ta’ tlett elef, mija u tmienja u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm3,198.18) kif dovuti kif fuq spjegat.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar, 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecceppixxa illi :

1. It-talbiet attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess Awtotrita’ stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-konvenuti jeccepixxu illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont pretiz huwa wiehed esagerat, u dan tenut kont tal-fatt illi l-oggetti tnehhew f’perjodu qasir ta’ mhux aktar minn erbat ijiem.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat il-kontrotalba tal-konvenut Anthony Muscat kontra l-Awtorita’ attrici in rikonvenzjoni fejn dan talab il-kundanna ta’ l-Awtorita’ attrici ghal-likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas ta’ danni sofferti mill-attur konsistenti fil-valur ta’ vetturi u makkinarju li ttiehdu minn terzi fuq

struzzjonijiet ta’ l-istess Awtorita’, liema oggetti ma gewx ritornati u nzammu ndebitament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri datati 7 ta’ Frar, 2001, u 15 ta’ Marzu, 2001, kontra l-Awtorita’ attrici rikonvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta’ kompetenza, gie dikjarat li t-talba tal-konvenut rikonvenjenti ma tecceddix l-hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghall-kontrotalba tal-konvenut Anthony Muscat fejn ecceppew illi :

1 It-talbiet kif kontenuti fil-kontrotalba tal-konvenut huma nsostenibbli stante illi l-Awtorita attrici kienet kostretta li tiddisponi mill-istess effetti li kien hemm fis-sit tal-proprjeta’ tal-konvenut.

2 Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-ebda ammont m’ghandu jinghata mill-Awtorita’ attrici bhala dannu hekk kif mitlub mill-konvenut rikonvenzjonat.

3 Ghalhekk, in vista tal-premess, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istes konvenut rikonvenzjonat.

4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta’ Joseph Agius prodott mill-Awtorita’ attrici l-ammont illi qed titlob l-Awtorita’ b’dan l-Avviz huwa dak indikat fil-kont ufficjali mahrug fil-31 ta’ Jannar, 2001, li kopja tieghu hija esebita a fol. 3 tal-process u mmarkata dokument ‘IJS2’ u jikkonsisti fid-diversi partiti ndikati fl-istess kont.

Ghalkemm xi partita fl-istess kont, bhala ma hija dik intestata *Administration Expenses,* mhiex tant gustifikabbli, il-konvenut matul dawn il-proceduri ma hux jikkontesta il-*quantum* ta' dak illi qed titlob minghandu l-Awtorita' bhala spejjez in konnessjoni mat-twettiq tal-proprjeta' tieghu, izda kkoncentra esklussivament fuq l-allegazzjoni illi fl-operazzjoni tat-twettiq u ta' rimozzjoni tal-materjal mill-ghalqa tieghu, l-Awtorita' ikkawzatlu danni li
l-Awtorita' ghandha taghmel tajjeb ghalihom u konsegwentement sabiex ikun jista' jikkompensahom ma' l-ammont mitlub mill-Awtorita'.

Billi jirrizulta illi l-Awtorita', fil-procedura minnha addottata ghat-twettiq, segwit il-provvedimenti partikolari dettati mill-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 55A ta' l-istess ligi qabel Artikolu 55, l-Awtorita' hija ntitolata illi titlob minghand il-konvenut l-ispejjez kollha ragonevolment inkorsi minnha biex esegwiet l-Avviz ta' twettiq.

Ghaldaqstant tilqa' it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut ghall-hlas tas-somma minnha mitluba ta' tlett elef, mija, tmienja u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm3,198.18).

Ghal dak li jirrigwarda il-kontrotalba tal-konvenut dan jallega illi ghalkemm huwa kien effettivament indika zewg (2) *scrap yards* fejn il-kuntrattur imqabbad mill-Awtorita' seta' jiehu l-materjal li kien qed jitnehha mill-proprjeta' tieghu, mal-materjal u hadid illi kellu fl-ghalqa huwa kellu ukoll diversi vetturi kummercjali u anke ta' uzu personali li ma kellhomx jigu meqjusa bhala *scrap* u kellhom jigu depozitati ghand id-ditta 'Roc-A-Go' imqabbda minn l-Awtorita' attrici u jsosstni illi huwa kien intitolat li jirtira dawn l-oggetti tieghu kif appena jhallas il-kontijiet relattivi ghal tali depozitu.

L-attur isosstni illi fis-7 ta' Marzu, 2001, kien irceva Avviz minghand l-Awtorita' sabiex jaghmel il-hlas in konnessjoni ma' tali twettiq u depozitu, izda meta huwa mar biex jirtira l-vetturi tieghu u jaghmel l-hlas minnu

dovut huwa sab illi l-vetturi tieghu ma kienux ghadhom mizmuma kif suppost u anzi gie nfurmat illi l-istess vetturi u xi makkinarju iehor kien gie mormi fil-mizbla tal-Maghtab.

Bhala konferma illi huwa kien effettivament ghadda, fiz-zmien lilu mpost, sabiex jaghmel il-hlas in konnessjoni ma twettiq u sabiex jigbor il-vetturi u makkinarju tieghu huwa pprezenta kopja ta' l-ittra illi kien spedixxa lill-Awtorita' attrici fil-15 ta' Marzu, 2001, li tinsab esebita bhala dokument 'AM1' a fol. 40 tal-process.

Dwar din l-ittra, l-Awtortita' tikkonferma li effettivament din kienet giet spedita mill-konvenut u infatti l-original tinsab fl-inkartament taghhom dwar dan il-kaz.

Minn naha taghhom l-Awtorita', sabiex jiggustifikaw ir-rimi tal-vetturi u makkinarju tal-konvenut , ipproducew bhala xhud lil Louis Micallef li huwa d-Direttur tal-kumpanija 'Roc-A-Go Crane Services Limited', il-kumpanija li kienet giet inkarigata biex tnehhi mill-ghalqa tal-konvenut il-materjal li kien abbusivament mitfugh hemmhekk u li giet inkarigata biex tittrasportah ghand *scrap yards* indikati, bil-kumplament mizmum f'depozitu ghandhom.

Dan ix-xhud jallega illi effettivament huwa kien dahhal fil-proprjeta' tal-kumpanija tieghu *truck* wiehed (1) b'vettura ohra fuqu, izda minhabba illi sab li dan it-*truck* kellu xi grieden fih huwa talab u ottjena l-awtorizzazzjoni minghand l-*Enforcement Officer* ta' l-Awtorita' attrici sabiex huwa seta' jarmi dawn il-vetturi fil-Maghtab kif fil-fatt hekk ghamel.

Pero,' billi r-rimi ta' skart u materjal iehor fil-Maghtab hija attivita' ta' sikwit tal-kumpanija 'Roc-A-Go', l-istess xhud ma setghax jaghti dettalji ta' kif jew meta l-vetturi u materjal tal-konvenut gew mormija.

Dan ikkorroborah Johann Buttigieg *Senior Enforcement Officer* ma' l-Awtorita' attrici illi kkonferma illi effettivament kien ittiehed materjal tal-konvenut mill-kuntrattur u dan kien gie awtorizzat li jarmieh fil-mizbla tal-Maghtab. Huwa

sostna ukoll li dan sar peress illi dan il-materjal kien mimli hmieg.

Ghalhekk jirrizulta illi l-Awtorita' attrici mhiex qed tallega illi l-vetturi ossija *scrap* tal-konvenut illi gie mormi ma kellu ebda valur, izda ssostni illi dan il-materjal intrema ghaliex kellu xi hmieg mieghu jew, skond kif jallegaw l-kuntratturi li ttrasportawh, ghaliex kien hemm grieden go fih.

Dan pero' mhix raguni bizzejjed biex jiggustifika l-agir ta' l-Awtorita' illi tiddisponi arbitrarjament minn proprjeta' ta' terzi u, minghajr ebda avviz lill-propjetarju, ma tiehux il-passi kollha necessarji sabiex bhal *bonus pater famiglias* tiehu hsieb u tipprotegi l-interessi tal-konvenut. Infatti ma jirrizultax mill-provi prodotti illi l-Awtorita', kwazi seba' (7) snin wara illi kienet harget l-Avviz tat-twettiq, kellha issa tant urgenza li ma ppermettitiliex li, nonostante l-prezenza ta' grieden u anke hmieg, issib post idoneu ghad-depozitu tal-materjal ta' tal-konvenut anke a karigu tieghu stess, jew li almenu issib l-opportunita' li tinfurmah b'dak li arbitrarjament iddecidiet li taghmel.

Ghaldaqstant l-Awtorita' trid tirrispondi ghad-danni illi b'dan l-agir, grossolanament negligenti, setghet ikkawzat lill-konvenut; izda f'dan ir-rigward jispetta lill-konvenut sabiex igib provi sufficjenti li fuqhom il-Qorti tista' tasal sabiex tillikwida Danni sofferti billi tistabbillixxi l-valur attwali fuq is-suq tal-materjal tieghu li gie mormi mill-Awtorita'.

Izda l-konvenut hlief ghad-deposizzjoni tieghu, fejn allega illi dan il-materjal tieghu kellu xi valur ta' madwar sebat elef (Lm7,000), ma gab ebda prova ohra izjed precisa sabiex jasal ghall-valur reali tal-vetturi u materjal iehor tieghu u li ghalih trid taghmel tajjeb l-Awtorita'.

Pero', fin-nuqqas ta' dawn il-provi xorta wahda jirrizulta illi xi valur dan il-materjal kellu, u ghalhekk il-Qorti, filwaqt illi ghamlet referenza ghar-ritratti ta tali vetturi illi l-konvenut jallega li ma rceviex u wara li hadet konjizzjoni kemm ta' l-istat li fih kienu jinsabu kif ukoll ta' xi valur intrinsiku li seta' kellhom minhabba li kienu mudelli antiki, *arbitrio boni viri*

tistabbillixxi illi dan il-valur ghandu jkun fis-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) u konsegwentement qeghda tilqa’ il-kontrotalba tal-konvenu billi tiddikjara l-Awtorita’ attrici responsabbli ghad-danni fil-konfront tieghu, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) u tikkundanna lill-Awtorita’ sabiex thallas lill-konvenut din is-somma hekk likwidata ta’ elf lira Maltin (Lm1,000).

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mit-talba attrici u l-kontrotalba ta’ l-konvenut billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Awtorita’ attrici wara d-debita kompensazzjoni ta’ s-somma imsemmija ta LM1000, s-somma bilancjali ta’ elfejn, mija, tmienja u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm2,198.18) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghax legali mill-15 ta’ Ottubru, 2002.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut u terz (1/3) mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------